MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru 265/2008

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Rashad Mabruk

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identità numru 154699(M) talli:

1. nhar il-31 ta' Marzu 2008 bejn 7:00pm u 9:00pm gewwa Triq id-Duka ta' Edinbera Il-Hamrun u kif ukoll gewwa l-ghassa tal- Hamrun quddiem l-Ispettur Tonna u s-Surgent 601 J. Spiteri bil-qerq, holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova

kontra diversi membri tal-korp tal-Pulizija bil-hsieb li b'hekk dawn il-ufficcjali pubblici jkunu jistgu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat u dan ai terminu tal-artikolu 110 (1) tal-Kap 9;

2. fl-istess hinijiet taht l-istess cirkostanzi u postijiet, meta kien jaf li diversi ufficjali pubblici huma innocenti bil-hsieb li jaghmel hsara lill-persuni membri tal-Korp tal-Pulizija quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li huma innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 (1), (a) tal-Kap 9;

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi iddenunzja quddiem l-Ispettur Mario Tonna u PS601 J. Spiteri reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali kontra ufficjali tal-korp tal-Pulizija sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artikoli 110 (2) tal-Kap 9;

4. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fl-istess hinijiet u cirkostanzi u data ingurja, jew hedded il- persuni ta' l-Ispettur M. Tonna, PS601 J. Spiteri, PC303 S. Mamao, PC39 J. Zahra, PC1286 J. Bondin u diversi membri ohra tal-Korp ral-Pulzija bhala persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni tal-istess servizz u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kap 9;

5. gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fl-istess hinijiet u cirkostanzi u data bil-hsieb li jtellef il-gieh jew inaqqas il-gieh ta' l-Onorevoli Prim Ministru Dr. L. Gonzi LL.D., u membri ohra parlamentari, u il-membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija aktar hawn fuq u dan ai terminu tal-Artikolu 252 tal-Kap 9;

6. fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi, bi kliem jew b' xi mezz iehor vizibbli, kasbar ir-Religjon Kattolika Rumana Appostolika, illi hija r-religjon ta' Malta , inkella offenda ir-religjon, Kattolika Appostolika Rumana billi Kasbar oggett ta' devozzjoni tal-imsemmija Religjon, u cioe' allega li 'L-ostja' li tkun ikkonsagrata jew id-destinata

biss ghad-devozzjoni tar-Religjon hija sempliciment ikel ta’ galletta u dan ai terminu tal-artikoliu 163 u 164 tal-Kap 9;

7. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fl-istess hinijiet u cirkostanzi u data gewwa l-ghassa tal-Hamrun ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-ufficjali tal-Pulizija imsemmija aktar ‘il fuq u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

8. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun fl-istess hinijiet u cirkostanzi u data kiser il-paci pubblika u buon ordni u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

9. fl-istess postijiet, hinijiet u taht l-istess cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba li tipprovdi ghas-sigurta ta’ l-imsemmija ufficjali pubblici u membri tal-awtorita b`dawk il-provedimenti li hija jidrilha xieraq u dan ai terminu ta’ l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti mitluba titratta mal-imputat bhala li huwa recidiv u dan wara li nstab hati li ikkometta diversi reati b’sentenzi li saru definittivi mill- Qorti tal-Magistrati Malta

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta; semghet ix-xhieda kompriz l-akkuzat bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Jirrizulta mix-xhieda illi fil-gurnata tal-31 ta’ Marzu, 2008 fuq telefonata anonima l-pulizija mill-Ghassa tal-Hamrun, senjatament PS601 u PC39, marru d-Duke of Edinburgh il-Hamrun. Billi l-informazzjoni anonima kienet tghid li kien hemm persuna li kienet qed tabbuza d-droga gewwa l-latrina ta’ dan il-post, iz-zewg kuntistabbli pprocedew b’ispezzjoni fiha u f’wahda mill-kabini taghha rrizulta li kien

hemm l-akkuzat. Minn tficcijiet li saru mill-pulizija fil-kabina, precizament mill-‘flashing’, gew elevati bott tal-isprite jew 7UP maqsum min-nofs li fil-qiegh tieghu kien hemm sustanza konsistenti f’bicca blokka zghira ta’ kulur kannella flimkien ma’ siringa u zewg ‘lighters’ u acidu sitriku li gie elevat minn fuq il-hogor tat-tieqa. Hawhekk l-akkuzat gie arrestat u mehud il-ghassa tal-Hamrun.

L-akkuzi riportati kontra tieghu f’din il-kawza huma konsegwenza ta’ dak li stqarr l-akkuzat b’risposta ghad-domandi li sarulu fil-hin tal-interrogazzjoni tieghu. Jigifieri l-kawza mhiex dwar xi sustanza talvolta illecita misjuba izda huma ikkoncentrati ghall-fatti li allegatament issuccedew fl-ghassa tal-Hamrun u marbuta ma’ stqarrija rilaxxjata mill-akkuzat.

Jinghad f’dan il-kuntest tal-istqarrija li hi giet rilaxxjata mill-akkuzat filwaqt li kien jinsab taht arrest u l-akkuzi nhargu per konsegwenza in bazi ta’ dak li l-akkuzat semma a diskapitu ta’ membri tal-Pulizija, l-Onorevoli Prim Ministru u r-religjon Kattolika. Jibqa’ pero’ fatt li dak li stqarr l-akkuzat kien fil-kors ta’ stqarrija waqt interrogatorju u kwindi ma jistax jinghad li hemm ‘l-ispontanjeta’ a differenza tal-volontarjeta’.

Kwindi fid-dawl tal-provi u fatti mressqa din il-Qorti mhux qeghedha tivvizwalizza ebda reita’ fil-konfront ta’ l-ewwel sitt akkuzi.

Illi l-anqas mhi l-Qorti tirriaviza l-offizi kontravenzjonali riportati fic-citazzjoni li huma ndikati bhala l-ahhar tlieta.

Ghalhekk, tiddeciedi li ma jsibx htija fl-akkuzat u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------